28 ta' Mejju, 1945.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**John Casabene pr. et ne. *versus* Giuseppe Maltia Pulvirenti et ne.**

**"Pools" — Oriġini u Skop Tagħhom — Applikazzjoni Tardiva għall-Ammissjoni Fihom — Danni.**

*Il-"Pools" ġew kostitwiti fi żmien il-gwerra b'intiża u bl-approvazzjoni tal-Gvern; u wieħed mill-iskopi tagħhom kien dak li l-kummerċjanti, minħabba r-restrizzjonijiet neċessarji tal-gwerra, ma jitilfux il-profitti li soltu kienu jagħmlu fuq il-merkanzija li kienu soltu jimpurtaw.*

*Fil-każ l-attur ġie dikjarat li kellu dritt jiġi ammess fil-Pool anki wara li kien għalaq iż-żmien li fih kellhom isiru l-applikazzjonijiet għal din l-ammissjoni, għar-raġuni illi huwa kien fl-impossibilità li japplika qabel ma għalaq dak iż-żmien; u dan b'effett mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni lid-diriġenti tal-Pool.*

*Fl-istess ħin dawn id-diriġenti ġew dikjarati li ma kienux responsabili għad-danni versu l-attur, billi huma ma kellhom ebda obligu li jdaħħlu fil-pool lill-konvenut meta ma kellhomx quddiemhom ebda talba għall-ammissjoni tiegħu.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attur proprio et nomine, wara li qal li l-konvenuti, wara talba tiegħu ħalli jammettuh fl-imsemmija "Pools" jew Assoċjazzjonijiet, inġustament irrifjutawlu dan id-dritt non ostanti li huwa nnegozja fl-oġġetti li minnhom jiffurmaw ruħhom l-imsemmija "Pools" jew Assoċjazzjonijiet, anki ma' tul is-snin 1935 sal-1939, f'ammonti rilevanti, kif okkorrendo jiġi pruvat, non ostanti li qalilhom li minħabba internament jew assenza forzata minn din il-Gżira l-attur kien kostrett jinterrompi l-kummerċ tiegħu għal erba' snin; talab illi huwa jifforma parti mill-imsemmija "Pools" jew Assoċjazzjonijiet li tagħhom il-konvenuti huma Presidenti u Segretarji kif fuq intqal, mid-data li din il-Qorti jidhrilha li huwa ġust u ekwu; u talab li l-konvenuti nomine jiġu passibili tad-danni lejh, konsistenti fit-telf

ta' profitti li kien imissu mill-parteċipazzjoni fl-istess 'pools' jew Assoċjazzjonijiet, li tagħhom irriżerva li jitlob il-likwidazzjoni b'kawża separata; bl-ispejjeż.

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fit-30 ta' Jannar 1945, li biha l-konvenuti ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju in rigward għall-ewwel talba, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż; però d-dritt tar-reġistru jħallsu l-attur; u rrespinġiet l-aħħar talba bl-ispejjeż kontra l-attur; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi rriżulta illi għall-formazzjoni tad-diversi "Pools" saru avviżi sabiex min kellu dritt illi jsir membru, japplika. L-attur, peress illi kien internat, ma applikax, u xehed illi lanqas kien jaf bl-eżistenza ta' dawn l-avviżi u tal-formazzjoni tal-"Pools". Irriżulta illi l-attur kien ilu jeżerċita l-kummerċ u rriżulta wkoll illi merkanzija minn djar ta' barra rappreżentati minnu ġiet konsenjata lill-"Pools", u huwa ċertament tilef anki l-kummissjonijiet. Il-Qorti ġa esprimiet ruħha f'kawżi oħra illi hemm bżonn illi dawk il-persuni li baqgħu barra jiġu ammessi fil-"Pools", u għalhekk fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Barbara vs. Gauci" fis-26 ta' dan ixxahar ordnat illi b'dik is-sentenza jiġi notifikat il-"Food & Commerce Control Officer". Il-Qorti, kif inhuma l-affarijiet attwalment, ma tistax tobliga l-konvenuti illi jdaħħlu lill-attur bħala assoċjat tagħhom, anki jekk kellu dritt li jkun membru tal-"Pools" minn mindu ġew kostitwiti. Ċertament, in vista tal-fatt illi merkanzija ta' djar rappreżentati mill-attur ġiet negozjata mill-"Pools" u ta' ċirkustanzi oħra tal-każ preżenti, hemm lok għal temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Illi però, it-talba għar-riżarċiment tad-danni ma tistax tiġi akkolta;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u konsegwentement jiġu akkolti d-domandi tiegħu bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

Rat ir-risposta tal-konvenuti, li appellaw inċidentalment minn dik is-sentenza, u talbu li l-istess tiġi riformata fis-sens

li tiġi revokata fil-kap fejn huma ġew liberati mill-osservanza tal-ġudizzju u fejn ġie ordnat li l-ispejjeż ta' l-ewwel talba jibqgħu mingħajr taxxa, bid-dritt tar-reġistru kontra l-attur, billi minflok jiġi deċiż għar-riġett ta' dik l-ewwel domanda bl-*ispejjeż taż-żewġ* istanzi kontra l-attur proprio et nomine, u billi tiġi konfermata in kwantu rrespinġiet it-tieni domanda, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta mill-provi li l-attur appellant kien ilu minn żmien qabel is-sena 1939, jinnegozja fil-ġeneri tal-merkanzija li għaliha ġew iffurmati l-"Pools" rappreżentati mill-konvenuti appellati. F'dak in-negozju huwa kien assistit minn *missieru; iżda d-ditta kienet biss ta' l-appellant. Meta f'Set*tembru 1939, skuppjat il-gwerra mal-Ġermanja, l-appellant daħal suldat bħala volontarju, u n-negozju tiegħu baqa jmexxih missieru, sakemm dan ġie internat fil-11 ta' Ġunju 1940, u jumejn wara ġie mibgħut l-Italja. Fid-29 ta' Ġunju 1940, ġie wkoll internat l-appellant, li wara ġie deportat, u ġie lura f'Malta f'Ġunju tas-sena 1944. Għalkemm fiż-żmien li l-appellant kien internat hawn Malta kien hemm xi internati oħra li kienu jirċievu t-"Times of Malta" fil-kamp tal-konċen*trament, huwa assikura li qatt ma qara dak il-ġurnal, u li* qatt ma ġie jaf bl-avviżi li fuqu ġew publikati u li kopja tagħhom tinsab eżibita fl-atti, kif ukoll li huwa qatt ma sama' bil-formazzjoni tal-"Pools" in kwistjoni qabel ma ġie lura hawn Malta f'Ġunju 1944. Malli ġie, huwa pprova biex jidħol f'dawk il-"Pools", iżda t-talba tiegħu ma ġietx milqugħa għaliex ma ġietx magħmula fit-terminu fissat fl-avviżi fuq imsemmija. Wara dan ir-rifjut huwa għamel din il-kawża, fejn talab li jiġi ammess li jifforma parti minn dawk il-"Pools" *mill-ġurnata li l-Qorti jidhrilha li huwa ġust u ekwu, u talab* ukoll li l-konvenuti jiġu dikjarati responsabili tad-danni li huwa sofra u li jikkonsistu fit-telf ta' profitti li kien imissu mill-parteċipazzjoni fl-istess "Pools"; b'riżerva tal-likwidazzjoni ta' dawk id-danni f'kawża separata;

Ikkunsidrat;

illi huwa magħruf li dawk il-"Pools" ġew kostitwiti b'intiża u bl-approvazzjoni tal-Gvern, u wieħed mill-iskopi tal-formazzjoni tagħhom kien dak li l-kummerċjanti, imħabba r-restrizzjonijiet neċessarji tal-gwerra, ma jitilfux il-profitti li kienu soltu jagħmlu fuq il-merkanzija li kienu soltu jimpurtaw. L-appellant kellu dritt jidħol f'dawk il-"Pools", iżda kien jinsab fl-impossibilità li jagħmel id-domanda fiż-żmien fissat mill-avviżi pubblikati fit-"Times of Malta"; mhux biss għaliex dan il-ġurnal qatt ma qrah kemm dam internat u deportat, iżda anki għaliex minħabba ċ-ċirkustanzi fuq elenkati, fil-11 ta' Ġunju 1940, in-negozju tiegħu ġie magħluq għaliex ma kienx hemm min ikompli jmexxih billi tant hu kemm missieru ġew internati. Hemm lok li jiġi hawn rilevat li l-fatt li fil-kamp ta' konċentrament kien ikun hemm xi ftit kopji tal-ġurnal fuq imsemmi, u li l-appellant seta' jaqrah kieku talab lil xi ħadd li kien jirċevih, ma jistax jitfa' ebda ħtija fuq l-appellant, tant għaliex l-imsemmi ġurnal mhux il-ġurnal uffiċjali tal-Gvern ta' Malta li bl-approvazzjoni tiegħu saret il-formazzjoni tal-"Pools", kemm għaliex dak il-ġurnal sar uffiċjuż wara li daħlet fil-gwerra l-Italja u meta l-appellanti kien diġà internat, u għalhekk huwa fuq l-esperjenza ta' qabel ma kellux neċessarjament jistenna li avviżi simili jiġu publikati fuqu;

Ikkunsidrat;

Illi in vista ta' l-impossibilità li kien jinsab fiha l-appellant ma hemmx raġuni għaliex għandu jiġi lilu negat bħala mitluf id-dritt li jifforma parti mil-"Pools" fuq imsemmijin, salvi l-obbligi tiegħu bħala kwalunkwe assoċjat ieħor. Is-sentenzi ċitati mill-appellati, jiġifieri dawk mogħtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 1941 fil-kawża "Aquilina vs. Calascione", u fis-26 ta' Ġunju 1944, in re "Borg vs. Agius", ma humiex applikabili għall-każ, tant imħabba ċ-ċirkustanzi speċjali li jikkonkorru, kemm għaliex dawk is-sentenzi huma bażati fuq il-ħtija ta' min talab biex jidħol fil-"Pools" jew biex jawmenta l-kwota tiegħu, u f'dan il-każ l-ebda ħtija ma tista' tiġi attribwita lill-appellant;

Ikkunsidrat;

Illi però, *it-tieni domanda, jiġifieri dik relativa* għad-danni, ma tistax tiġi milqugħa, billi l-konvenuti appellati ma għamlu xejn li jista' skond il-liġi jirrendihom passibili tad-danni, u l-appellant ma jistax *jippretendi li huma kienu* fl-obligu li jdaħħluh fil-"Pools" mingħajr ma kellhom id-domanda tiegħu għal dak l-iskop;

Ikkunsidrat fuq l-appell inċidentali tal-konvenuti;

*Illi* għar-raġunijiet fuq miġjuba dak l-appell ma jistħoqqlux jiġi milqugħ, u għandu jiġi respint;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell prinċipali *ta' l-attur*, biss fis-sens li tiddikjara li huwa għandu d-dritt li jifforma parti mill-"Pools" imsemmijin fiċ-ċitazzjoni mid-9 ta' Novembru 1944, data tan-notifika taċ-ċitazzjoni, u salvi l-obligi tiegħu bħala kwalunkwe assoċjat ieħor, u *tirrespinġi* l-istess appell għad-danni mitlubin kontra l-konvenuti appellati;

Tirrespinġi l-appell inċidentali tal-konvenuti appellati;

Tordna li minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ l-ispejjeż taż-żewġ istanzi ma jkunux taxxati, iżda d-dritt tar-reġistru jitħallas bin-nofs;

U biss fis-sens fuq imsemmi tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu *r-Re fit-30* ta' Jannar 1945.